**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 502/2023DC**

***Apap Tobacco Limited (C 77039)***
***Frankie Apap (K.I. numru 13583M)***

***vs***

***L-Avukat ta' l-Istat***
***Kummissarju tat-Taxxi u Dwana***

**Illum, l-1 ta' Awwissu, 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors tal-atturi** ppreżentat fil-5 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema ppremettew:-

*Illi s-soċjeta' esponenti kienet ingħatat liċenzja sabiex topera bħala "authorised warehouse keeper" u dan skont l-artikolu 9(3c) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex tkun tista' tipproduċi, tirċievi, iżżomm u tbiegħ tabakk immanifatturat taħt taric code 2402209000 u dan bil-ftehim ta' sospensjoni tad-dazju kif tipprovdi l-istess liġi u l-liċenzja. Din il-liċenzja inħarġet fis-16 ta' Lulju 2020 kif jirriżulta mill-anness dokument A.*

*Illi fl-1 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrenti l-unika direttur tas-soċjeta' rikorrenti u ċioe Frankie Apap informa lid-Dwana li kien wasal it-tabakk u li setgħu jinħadmu samples biex jintbagħtu ġo laboratorju tat-tabakk biex jiġi approvat. In segwitu fit-2 ta' Diċembru 2020 saret spezzjoni mill-uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-maħżen awtorizzat tas-soċjetà esponenti fiż-żona industrijali ta' bulebel u sussegwentement inbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' l-unika direttur ta' l-istess soċjeta' esponenti u ċioe Frankie Apap.*

*Illi apparti minn hekk fis-7 ta' Jannar 2021 is-soċjetà esponenti ġiet informata, permezz ta' ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali Tad-Dwana, illi il-liċenzja ta' kustodja ta' maħżen awtorizzat kienet qed tiġi sospiża b'effett immedjat (Dok B).*

*Illi s-soċjetà esponenti ikkontesta t-tali sospensjoni permezz ta' rikors ippreżentat a tenur ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap. 382 u huwa fl-ismijiet Apap Tobacco Ltd. Vs Direttur Generali Dwana Et (12/2021) u pendenti quddiem it-Tribunal Amministrattiv u differit għall-24 ta' Ottubru 2023.*

*Illi Direttur Ġenerali Tad-Dwana fl-istess perjodu ħareġ ukoll avviż ta' qbid fuq ammont ta' tabakk u dan ġie kkontestat ukoll permezz ta' proċeduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza ċivili tagħha u liema proċeduri huma fl-ismijiet Apap Tobacco Limited Vs Direttur Generali Dwana Et (65/21) u differit għall-21 ta' Frar 2024 quddiem din il-Qorti ppreseduta mill-Onor. Imħallef Hayman.*

*Illi fil-frattemp fis-16 ta' April 2021 ġew inizzjati proċeduri kriminali fil-konfront tad-direttur ta' soċjetà esponenti Frankie Apap li ġie rinfaċċjat bis-segwenti akkużi:*

> *Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana:*
>
> *(i) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, wara spezzjoni li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa maħżen awtoriżżat ta' Apap Tobacco Limited li jinsab BLB 026A, Triq il-Makkinarju, Zona Industrijali, Bulebel, Zejtun, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll kellu ddepożitat għandu 3,140 kilo tabakk manifatturat, liema produzzjoni ta' dan l-imsemmi tabakk ma kienitx iddikjarata lill-Kummissarju;*
>
> *(ii) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel, importa jew daħħal, jew kellu x'jaqsam f'illi jiġi importat jew imdaħħal f'Malta, 3,140 kilo tabakk mhux manifatturat li l-importazzjoni tiegħu hija limitata;*
>
> *(iii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija, ikkunsinna, warrab, jew irtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-ezami tiegħu mill-uffiċjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal inkarigat mid-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, it-tabakk fuq imsemmi, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma kienx jista' jieħu nota kif imiss, jew b'mod li ma kienx ġie mdaħħal fid-depożt kif imiss;*

*(iv) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija pproduċa oġġetti dazjabbli bi proċess li ma jkunx permess skond il-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu;*
*Dan it-tabakk, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu hu ristrett u/jew limitat, għandu Valur totali ta' €15,900, Dazju tas-Sisa dovut ta' €383,080 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta għal €71,816.40.*

*Dan bi ksur tal-Artikolu 60(1)(c), 62(a)(b)(c), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, Artikolu 16(1)(a), Regolament 12(1)(2)(3) tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tal-VAT:*

*(v) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, wara spezzjoni li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa maħżen awtorizzat ta' Apap Tobacco Limited li jinsab BLB 026A, Triq il-Makkinarju, Zona Industrijali, Bulebel, Zejtun, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll ddepożitat għandu 3, 140 kilo tabakk manifatturat, liema produzzjoni ta' dan l-imsemmi tabakk ma kienitx iddikjarata lill-Kummissarju;*

*(vi) Talli fit-2 ta' Diċembru 2020, u/jew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, importa jew daħħal, jew kellu x'jaqsam f'illi jiġi importat jew imdaħħal, f'Malta, 3,140 kilo tabakk mhux manifatturat li l-importazzjoni tiegħu hija limitata;*

*(vii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija, ikkunsinna, warrab jew irtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-ezami tiegħu mill-uffiċjal inkarigat mid-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, it-tabakk fuq imsemmi, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma kienx jista' jieħu nota kif imiss, jew b'mod li ma kienx ġie mdaħħal fid-depozt kif imiss;*

*(viii) Talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija pproduċa oġġetti dazjabbli bi proċess li ma jkunx permess skond il-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu;*

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' sentenza tal-20 ta' Frar 2023, sabet lil Frankie Apap ħati tal-akkużi kollha kundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-ħlas ta' multa fis-*

*somma ta' €1,149,240, li terz minnha titħallas minnufih bħala dejn ċivili skond il-liġi, filwaqt li l-bilanċ jitħallas skond il-liġi.*

*Illi l-imsemmi Frankie Apap appella mill-imsemmija sentenza u permezz ta' sentenza datata 20 ta' Settembru 2023 (Appell numru 237/21) il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali:*
*1. Ikkonfermat is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lil Frankie Apap ħati tal-akkuzi (ii), (iii), (vi) u (vii) dedotti kontrih; u*
*2. Ħassritha u rrevokatha f'dik il-parti fejn sabet lil Frankie Apap ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru (i), (iv), (v) u (viii) u minflok illiberatu mill-istess; u*
*3. Ħassritha u rrevokatha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Frankie Apap għal perijodu ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sentejn u għal ħlas ta' multa ta' €1,149, 240 u minflok ikkundannatu għal perijodu ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sena, u dana ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal ħlas ta' multa ta' €4,350 li terz minn dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lill-Kummissarju tad-Dwana u tat-Taxxa u dana ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 u l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta; u*
*4. Ikkonfermatha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska skond il-Liġi tal-materjal/tabakk maqbud.*

***Piena mhix ibbażata fuq liġi***

*Illi il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali sabet is-segwenti x'tiċċensura fir-rikorrent Apap kif insibu fl-istess sentenza u ċioe:*

> *"... kif ġustament stqarret l-Ewwel Qorti, fuq l-appellant kienu jinkombu żewġ obbligi, bl-ewwel wieħed ikun dak illi jiddikjara l-importazzjoni tal-materja prima, u bit-tieni wieħed illi jagħmel dikjarazzjoni mal-Kummissarju illi l-proċess ta' manifatturazzjoni u produzzjoni jkun inbeda."*

*Illi hija din il-konklużjoni li wasslet lill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ssib ħtija fl-esponent fuq l-akkużi (ii), (iii), (vi) u (vii) minn dawk hawn fuq elenkati.*

*Illi però dik il-Qorti għamiltha ċara illi ma kienitx qiegħda ssib lir-rikorrent Apap ħati ta' evażjoni ta' dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Fil-fatt fis-sentenza nsibu hekk:*

> *"Ġaladarba għalhekk l-appellant kien għadu fiż-żmien biex jiddikjara mal-Kummissarju illi kien beda bil-produzzjoni u l-manifatturazzjoni kwindi ma jistax jingħad lanqas illi huwa pprova jevadi il-ħlas tad-*

*dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud, iktar u iktar meta ebda prodott ma kien għadu tlesta u għalhekk imqiegħed fuq is-suq.” (enfasi miżjud).*

*Illi però meta l-Qorti ta' l-Appelli Kriminali imbagħad applikat il-piena kif stabbilita fl-artikolu 62 tal-Kap. 37 u l-artikolu 80 tal-Kap. 406 erogat piena li mhix abbinata man-nuqqas tar-rikorrent li jiddikjara l-importazzjoni u li jiddikjara l-bidu tal-manufatturar, però piena li hija applikabbli biss għal reati ta' evażjoni ta' dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud.*

*Illi dan tant huwa minnu illi fiż-żewġ artikoli hawn fuq ċitati l-multa hija abbinata ma' l-ammont ta' dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur miżjud li kien attwalment dovut. In effetti l-artikolu 80 tal-Kap. 406 jikkontempla multa ekwivalenti għal tlitt darbiet l-ammont ta' taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' €350 skont liema tkun l-akbar, u l-artikolu 1 tal-proviso ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 isemmi multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn €4,000. L-intenzjoni tal-leġislatur hija ċara – li l-multa tkun tiddependi fuq l-entita ta' l-evażjoni però l-leġislatur ried illi meta l-ammont ta' dazju jew taxxa evaża ikun żgħir ħafna l-multa ma tkunx inqas minn dak speċifikat fl-artikoli ċitati.*

*Illi tant l-artikoli hawn ċitati u l-piena hemm kontemplata m'humiex applikabbli illi l-liġi tipprovdi għan-nuqqas ta' persuna li tagħmel id-dikjarazzjonijiet imsemmija f'artikolu differenti, u ċioe fl-artikolu 63(1)(f) tal-Kap. 37 li jipprovdi s-segwenti:*

> *“... meta m'hemm ebda dazju jew taxxa oħra dovuti jew perikolati fuq l-oġġetti u lanqas m'hemm restrizzjoni jew projbizzjoni fuq l-importazzjoni tagħhom, jew limitazzjoni jew kundizzjoni fuq l-esportazzjoni tagħhom, il-Kummissarju jista' jimponi penali ta' mitteuro (€100).”*

*Illi għalhekk l-unika konsegwenza ta' dak li sabet il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali bħala nuqqas ta' l-esponenti Apap hija penali amministrattiva imposta mill-Kummissarju tad-Dwana u mhux proċeduri kriminali stante li dawn huma nuqqasijiet amministrattivi u mhux reati kriminali.*

***Nullum poena sine lege***

*Illi probabilment huwa l-aktar prinċipju bażilari biex wieħed ikollu proċess ġust u ekwu li ma jistax ikollok piena mingħajr ma l-liġi tipprovdi għaliha. Indubjament hemm diversi stanzi fil-liġi tagħna fejn il-liġi tistabbilixxi ċertu*

*kriterju pero meta dan il-kriterju ma jiġix segwit ma jkunx hemm pieni u allura m'hemmx reat. Fil-każ in deżamina ir-rikorrent ma setax jinstab ħati u kkundannat fuq għemil li m'għandux piena korrispettiva u l-Qorti ma tistax qatt u taħt l-ebda ċirkostanza b'mod arbitru tabbina piena ta' reat ieħor meta l-liġi ma tkunx tagħmilha applikabbli għal dak l-għemil.*

*Illi dan imur kontra l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jgħid illi:*

> *"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

*Illi dan il-prinċipju nsibuh definit f'sentenzi tal-Qorti Ewropea bħal dik fl-ismijiet Koprivnikar vs Slovenia[1] fejn insibu hekk:*

> *"45. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is permissible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see Del Río Prada v. Spain [GC], no. 42750/09, § 77, ECHR 2013, and Vasiliauskas v. Lithuania [GC], no. 35343/05, § 153, 20 October 2015).*
>
> *46. Article 7 of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of criminal law to an accused's disadvantage. It also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege). While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy (see Del Río Prada, cited above, § 78).*
>
> *47. It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision, if need be with the*

[1] Applikazzjoni numru 67503/13 deċiża fl-24 ta' Jannar 2017.

> *assistance of the courts' interpretation of it and after taking appropriate legal advice, what acts and omissions will make him or her criminally liable and what penalty he or she faces on that account (see Del Río Prada, cited above, § 79, and Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, § 140, ECHR 2008)."*

***Sospensjoni tal-liċenzja – nuqqas ta' smiegħ xieraq.***

*Illi kif ġja ġie sottomess hawn fuq, fis-7 ta' Jannar 2021 is-soċjetà esponenti ġiet informata permezz ta' ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana illi il-liċenzja ta' kustodja ta' maħżen awtorizzat kienet qed tiġi sospiża b'effett immedjat liema sospenzjoni għadha in vigore sa' llum.*

*Illi qed jiġi sottomess illi din id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana tippenalizża lis-soċjeta' rikorrenti u r-rikorrent innifsu u li f'dan ir-rigward dan kollu għandu l-effett ta' piena kriminali u ttieħdet bi ksur tad-dettami ta' smiegħ xieraq.*

*Illi in effetti hemm numru ta' sentenzi anke tal-Qorti Ewropea ta' Strasburgu li jgħidu illi ċertu pieni/sanzjonijiet amministrattivi jistgħu jitqiesu bħala pieni kriminali u allura biex wieħed jasal għal tali sanzjoni iktar u iktar irid jiġi rispettat id-dritt ta' smiegħ xieraq. In effetti fis-sentenza Benham V. The United Kingdom[2] insibu:*

> *56. The case-law of the Court establishes that there are three criteria to be taken into account when deciding whether a person was "charged with a criminal offence" for the purposes of Article 6 (art. 6). These are the classification of the proceedings under national law, the nature of the proceedings and the nature and degree of severity of the penalty (see the Ravnsborg v. Sweden judgment of 23 March 1994, Series A no.283-B).*

*Illi r-referenza li qed issir f'dawn il-proċeduri hija għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea – smiegħ xieraq.*

*Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenjoni Ewropea tgħid:*

> *"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial*

[2] Deċiża fl-10 ta' Ġunju 1996 (Applikazzjoni nru. 19380/92).

> *tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice."*

*Illi il-Kostituzzjoni mill-banda l-oħra fl-artikolu 39 tiegħu jgħid hekk:*

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*Illi ta' min hawn isemmi wkoll is-sentenzi lokali riċenti kontra l-FIAU fosthom XNT Limited (C52182) vs Il-Korp ghall-Analizi ta' informazzjoni Finanzjarja u L-Avukat tal-Istat (300/22) JVC*[3] *fejn insibu hekk:*

> *"Ħareġ allura ċar li l-Kumitat li ħa d-deċiżjoni dwar l-aġir tas-soċjetà' rikorrenti m'huwiex awtonomu tant li jifforma parti ntegrali mill-Korp intimat, kostitwiet minn impjegati tal-Korp intimat li ma għandhom l-ebda 'security of tenure.' Minn naħa l-oħra s-soċjetà rikorrenti lanqas id-dritt minimu li tkun preżenti ghad-diskussjoni ma ngħatat. In-nuqqas ta' bilanc f'din is-sitwazzjoni hija carissimia f'ghajnejn il-Qorti b'dana li l-ksur tal-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq huwa lampanti."*

*Illi, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża s-soċjeta' rikorrenti ġiet imċaħħda mill-possibilita' li topera u dan b'telf finanzjarju qawwi u dan b'sempliċi deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana. Din id-deċiżjoni ttieħdet meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom ma bdewx, u d-deċiżjoni ttieħdet mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana li la huwa persuna indipendenti u mparzjali u lanqas igawdi minn 'security of tenure'. Apparti minn hekk id-deċiżjoni ttieħdet mill-istess Direttur Ġenerali li jirrappresenta l-istess dipartiment li nvestiga lis-soċjeta' rikorrenti. Is-soċjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda opportunita illi tressaq provi jew tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha qabel ma' d-Direttur Ġenerali wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Għalhekk huwa ċar illi d-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja ttieħdet mingħajr ebda kont tad-dritt ta' smiegħ xieraq tas-soċjeta' esponenti.*

---

[3] Deċiża mill-Prim' Awla(Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Lulju 2023 li minnha appellaw l-Aġenzija u l-Avukat ta' l-Istat.

*Illi ser jirriżulta illi din is-sospensjoni kienet ekwivalenti għal piena qawwija għas-soċjeta' rikorrenti li ġiet ikkastigata billi ma tħallietx topera b'sempliċi deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali mingħajr qabel ma addirittura ġew inizzjati proċeduri proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Apap u ferm qabel ma ġew konklużi.*

*Illi apparti minn hekk, kif ġja sottomess hawn fuq, ir-rikorrent Frankie Apap ma nstabx ħati għaliex għal dak li jikkonċerna r-reati ta' dazju u Vat ġie liberat u fejn il-Qorti ppronunzjat ħtija ma jistgħux jitqiesu bħala reati stante li m'hemmx piena korrispettiva. Dan nonostante s-soċjeta' rikorrenti sofriet u qed issofri danni konsiderevoli stante li n-negozju ingħalaq indebitament b'telf ta' qliegħ u spejjeż kbar tul dawn l-aħħar snin.*

*Illi l-istess argument jgħodd ukoll għall-avviż ta' qbid.*

U wara li hekk ippremettew l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara, li, għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-fatt illi r-rikorrent Frankie Apap instab ħati ta' l-akkużi (ii), (iii), (vi) u (vii) permezz ta' sentenza datata 20 ta' Settembru 2023 (Appell numru 237/21) mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali u ingħata piena ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sena u għal ħlas ta' multa ta' €4,350 meta din il-piena mhix kontemplata fil-liġi tilledi d-drttijiet fundamentali tar-rikorrenti Apap kif sanċiti fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Tiddikjara illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) tas-7 ta' Jannar 2021, fejn ġiet sospiża l-liċenzja tas-soċjeta' rikorrenti, u kif ukoll l-avviż ta' qbid fuq it-tabakk tnejn li huma ittieħdu:*
*i) bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent Apap kif sanċiti fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem peress illi din is-sospenzjoni ingħatat inutilment peress illi ma setgħat tiġi erogata l-ebda piena fuq ir-rikorrent Apap u allura ma instabx ħati ta' reat u;*
*ii) tad-drittijiet tar-rikorrenti Apap Tobacco Ltd u dan kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll bi ksur ta' l-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

3. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fosthom illi*

*i) tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ta' l-20 ta' Settembru 2023 fejn ir-rikorrent Frankie Apap instab ħati u fejn ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' xahar sospizi għall-sena u għal ħlas ta' multa ta' €4,350 u, in oltre*

*ii) takkorda kumpens kemm pekunjarju kif ukoll non-pekunjarju jew morali pagabbli lis-soċjeta' rikorrenti Apap Tobacco Ltd biex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qliegħ li sofriet is-soċjeta' rikorrenti minħabba s-sospensjoni datata 7 ta' Jannar 2021 inflitta fuq l-istess soċjeta' rikorrenti u kif ukoll minħabba l-avviż ta' qbid.*

Rat **ir-risposta tal-konvenuti** ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2023 permezz ta' liema ippremettew is-segwenti-

*Permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qegħdin jillanjaw minn tlett (3) ċirkostanzi distinti u separati minn xulxin iżda li twieldu minn fatti komuni. Fl-ewwel lok (i) ir-rikorrenti qegħdin jillanjaw minn parti ta' sentenza mogħtija fil-konfront ta' Frankie Apap nhar l-20 ta' Settembru, 2023 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[4], fejn huwa ġie misjub ħati ta' wħud mill-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat għal xahar priġunerija sospiżi għal sena, flimkien ma' multa fl-ammont ta' €4,350, għaliex skonthom il-piena ma kinitx ibbażata fuq il-liġi u dan bi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fit-tieni lok (ii) ir-rikorrenti jilmentaw min-nuqqas ta' smigħ xieraq kif tutelat taħt l-artikolu 39 tal-Kostitutzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u mill-artikolu 7 tal-istess Konvenzjoni għaliex l-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana (dak iż-żmien id-Direttur Ġenerali [Dwana]) issospenda l-liċenzja tal-kumpannija rikorrenti sabiex topera bħala kustodju ta' maħżen awtorizzat. Fit-tielet lok (iii) l-istess lanjanzi mressqa dwar is-sospensjoni tal-liċenzja jidher li huma mressqa wkoll fir-rigward tan-nota ta' qbid li permezz tagħha inqabad it-tabakk imqatta' misjub fil-fabbrika tar-rikorrenti. Apparti dikjarazzjoni ta' ksur f'dan is-sens, ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu wkoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal tal-20 ta' Settembru, 2023 fejn huwa ġie kkundannat għal xahar priġunerija sospiżi għal sena flimkien ma' multa ta' €4,350, u sabiex tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju sabiex tagħmel tajjeb għas-sospensjoni tal-liċenzja u għall-qbid tat-tabakk.*

*Qabel mal-esponenti jgħaddu għall-eċċezzjonijiet tagħhom, jinħass xieraq li jingħata sfond taċ-ċirkostanzi fattwali li wasslu għall-proċeduri odjerni.*

---

[4] Fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Frankie Apap*, Appell Numru 237/2021;

## <u>Fatti Saljenti</u>

i) *F'Lulju, 2020, l-esponent kien approva applikazzjoni tal-kumpannija rikorrenti sabiex tkun ċertifikata li tista' taġixxi bħala kustodju ta' maħżen awtorizzat ai termini tal-artikolu 9(3)(ċ) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tkun tista' tipproduċi, tirċievi, iżżomm u tbiegħ prodotti dazjabbli (f'dan il-każ tabakk manifatturat) taħt <u>arranġament ta' sospensjoni ta' dazju</u>. Dan iċ-ċertifikat huwa soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet u obbligi indikati mill-esponent, u dawk naxxenti mill-istess ċertifikat jew liġijiet oħra. Filwaqt li ċertifikat bħal dan iġib miegħu diversi vantaġġi, in-nuqqas ta' ħarsien tal- obbligi varji jistgħu jwasslu għas-sospensjoni u saħansitra r-revoka tal-imsemmi ċertifikat;*

ii) *Jirriżulta li fil-bidu ta' Diċembru, 2020, l-esponent Kummissarju ġie a konoxxenza tal-fatt illi fl-ewwel ġimgħat t'Ottobru, 2020, is-soċjeta` rikorrenti Apap Tobacco importat - ad insaputa tad-Dwana - tlieta punt erba` tunnellati (3.4t) tabakk mhux maħdum. Ir-rikorrenti naqsu wkoll milli jinformaw lid-Dwana li kienu laħqu proċedew bit-taqttiegħ tat-tabakk in kwistjoni. <u>M'huwiex minnu dak li jgħidu r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom li kienu huma li informaw lid-Dwana li kien wasal it-tabakk</u>;*

iii) *Sussegwentement, fi spezzjoni li għamlu l-uffiċċjali tad-Dwana fil-maħżen tal-kumpannija rikorrenti instab li l-maġġoranza assoluta ta' dak ir-raw tobacco importat mis-soċjeta` rikorrenti kien effettivament tqatta'. Illi ġjaladarba t-tabakk importat qatt ma kien dikjarat u laħaq tqatta', l-istess tabakk ma setgħax ikun kkunsidrat bħala raw tobacco kif allegatament importat, iżda skont l-istat ta' fatt riskontrat kellu jkun ikkunsidrat bħala other smoking tobacco, liema prodott jattira ammont sostanzjali ta' dazju, bil-konsegwenza wkoll li l-garanzija mogħtija mill-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (EUR20,000) ma kinitx tkopri l-kawtela mifthiema. Apparti minn hekk, f'kamra separata fl-istess maħżen instabu wkoll ftit mijiet ta' sigaretti diġa` manifatturati, u dan kollu mingħajr ma d-Dwana qatt kienet informata;*

iv) *Il-kumpannija rikorrenti kienet fid-dmir illi tiddikjara l-importazzjoni tagħha mad-Dwana appena din tiġi importata u anke meta hija tipproċedi bit-taqttiegħ, liema proċedura tkun reġistara fuq il-Customs Electronic System (CES). Apparti d-dikjarazzjoni t'importazzjoni, ir-*

*rikorrenti kellhom jiddikjaraw fuq is-sistema elettronika li bdew bil-proċess ta' tqattiegħ. Il-proċess ta' ġarr u tqattiegħ kellu wkoll ikun sorveljat mid-Dwana, liema nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti immanifestaw ruħhom fi ksur tal-Liġijiet doganali;*

v) *L-esponent Kummissarju għamilha ċara kemm 'il darba mal-kumpannija rikorrenti qabel hija ingħatat il-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat illi tul il-proċess ta' tqattiegħ u produzzjoni, id-Dwana trid tkun informata sabiex b'hekk ikun hemm uffiċjal tad-Dwana preżenti tul il-proċess kollu. Tajjeb li hawnhekk ikun enfasizzat illi sabiex il-kumpannija rikorrenti ottjeniet il-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awotorizzat saru diversi laqgħat mad-Dwana fuq perjodu ta' diversi xhur, fejn ir-rekwiżiti kienu ripetuti ad nauseam;*

vi) *Il-liġijiet li abbażi tagħhom ġie misjub ħati r-rikorrent Frankie Apap ma jitħaddtux biss dwar oġġetti li huma dazzjabbli. Fejn il-liġi riedet tikkontempla reati li esperessament jindirizzaw l-evażjoni dan qalitu – ubi lex voluit dixit;*

vii) *Sewwasew, is-soċjeta` rikorrenti kienet taħt obbligu li tiddikjara l-importazzjoni tat-tabakk, liema tabakk kellu jkun eżaminat u l-ġarr tiegħu kellu jkun sorveljat sal-wasla tiegħu fil-maħżen. Mhux hekk biss, iżda t-taqttiegħ tal-istess tabakk kellu wkoll ikun dikjarat u sorveljat. Illi l-aġir tar-rikorrenti ta' lok għall-ksur ta' diversi provvedimenti doganali, liema ksur skatta f'għadd ta' riperkussjonijiet;*

viii) *Ir-riperkussjonijiet ta' dan l-aġir illegali wassal (i) għall-qbid tat-tabakk imqatta' permezz tan-nota ta' qbid 241/2020, (ii) għas-sospensjoni taċ-ċertifikat ta' kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat, u (iii) proċeduri penali fil-konfront ta' Frankie Apap;*

ix) *Il-kumpannija rikorrenti għaddiet sabiex tikkontesta l-qbid tat-tabakk b'azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana) et [65/2021 HM1], u tikkontesta s-sospensjoni tal-liċenzja b'azzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana) et [12/2021 GV]. Konvenjentement, dawn l-azzjonijiet ma jissemmew imkien matul ir-rikors promotur għalkemm l-imsemmija proċeduri <u>għadhom pendenti</u>;*

x) *Fil-frattemp ir-rikorrent Frankie Apap tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat b'għadd ta' reati li jemanu mill-Kap. 37, Kap. 382, Kap. 406, u Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

xi) *B'sentenza tal-20 ta' Frar, 2023, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet sabet lir-rikorrent Frankie Apap ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih u kkundannatu għal xahar priġunerija sospiżi għal sentejn u għall-ħlas ta' multa fis-somma ta' miljun mija disgħa u erbgħin elf u mitejn u erbgħin Ewro (€1,149,240), li terz minnha titħallas minnufih bħala dejn ċivili skont il-liġi, oltre l-konferma tal-konfiska tat-tabakk maqbud;*

xii) *Ir-rikorrent Frankie Apap appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2023;*

xiii) *Permezz ta' sentenza mogħtija nhar l-20 ta' Settembru, 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaliex dehrilha li filwaqt li kien hemm reati in kwantu obbligi relatati ma' dikjarar t'importazzjoni u nuqqasijiet anċillari, ma kinitx għadha mmaterjalizzat evażjoni fiskali (u dan anke jekk it-tabakk imqatta' kien taħt sospensjoni ta' dazju bil-patt u l-kundizzjoni li l-kustodju tal-maħżen awtorizzat iħares l-obbligi proċesswali tiegħu). Filwaqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat is-sejbien ta' ħtija fuq uħud mill-imputazzjonijiet, ikkonfermat il-ħtija fuq il-bqija tal-imputazzjonijiet, u rriformat il-kundanna għal perjodu ta' xahar priġunerija sospiżi għal sena, u għal multa ta' erbat elef tlett mija u ħamsin Ewro (€4,350) li terz minn dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili, filwaqt li rrikonfermat il-konfiska tat-tabakk maqbud;*

xiv) *Issa, permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrenti qed jittamaw li din l-Onorabbli Qorti filwaqt li tarroga fuqha mansjonijiet li jispettaw lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u lilll-Prim'Awla Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha, tinterċedi għar-rikorrenti u sservi wkoll bħala Qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali billi twarrab il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tar-res judicata, u tiddikjara li dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien ħażin u leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom.*

*Illi traċċjati l-fatti saljenti tal-kawża odjerna, l-esponenti qiegħdin formalment iressqu eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet fil-mertu u dan mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

U wara li hekk ippremettew ressqu diversi eċċezzjonijiet:

<u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

*1. Safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa indirizzat fil-konfront tad-deċiżjonijiet amministrattivi dwar is-sospensjoni tal-liċenzja u dwar il-ħruġ tan-nota ta' qbid 241/2020[5] versu t-tabakk, l-esponent Avukat tal-Istat m'huwiex il-leġittimu kuntradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex m'għandux il-mansjoni li jieħu dawn id-deċiżjonijiet;*

*2. Safejn l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna s-siwi ta' parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana m'huwiex il-leġittimu kuntradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Safejn l-ilment jikkonċerna parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2023, jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ tal-kumpannija rikorrenti Apap Tobacco Limited sabiex tavvanza t-talba għat-tħassir ta dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn ir-rikorrent Frankie Apap instab ħati u fejn ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' xahar sospiżi għal sena u għall-ħlas ta' multa ta' €4,350, ġjaladarba din ma kinitx mogħtija fil-konfront tagħha u l-kumpannija rikorrenti ma ġiet ikkundannata għall-ebda perjodu ta' priġunerija u/jew għall-ħlas ta' multa;*

*4. Safejn din l-azzjoni tikkonċerna l-ħruġ tan-nota ta' qbid u s-sospensjoni tal-liċenzja, ir-rikorrent Frankie Apap għandu jiddikjara jekk huwa qiegħedx jippromwovi din l-azzjoni f'ismu personali u/jew bħala Direttur ta' Apap Tobacco Limited. F'każ li huwa qiegħed jippromwovi l-azzjoni f'ismu personalment, jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ;*

***5. B'mod preliminari wkoll, safejn l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna s-sospensjoni tal-liċenzja u l-ħruġ tan-nota ta' qbid, din l-azzjoni hija għal kollox bikrija u għaġġelija, u dan in vista tal-fatt li l-proċeduri ta' kontestazzjoni mniedija mir-rikorrenti stess għandhom ma ġewx eżawriti. Hemm u għad hemm rimedji ordinarji adekwati u effettivi a disposizzjoni tar-rikorrenti. Kif jingħad ripetutament fil-ġurisprudenza tagħna, rimedju adekwat u effettiv ma jfissirx li jrid ikollu l-eżitu mixtieq mir-***

[5] DOK KTD;

***rikorrenti. Fil-proċeduri fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana) et [12/2021 GV], It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għadu ma pronunzjax ruħu dwar id-deċiżjoni tal-esponent Kummissarju sabiex jissospendi l-liċenzja in kwistjoni. Daqstant għadha ma pronunzjatx ruħha il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana) et [65/2021 HM1] in kwantu d-deċiżjoni li jinqabad it-tabakk. Dawn il-proċeduri għadhom fl-ewwel istanza, fejn ma rridux ninsew lanqas li wara dan l-istadju jkun għad fadal ukoll l-istadju t'appell;***

***Bit-tieni (2) talba tagħhom, u bit-tieni parti tat-tielet talba tagħhom (3.ii), ir-rikorrenti qed jippretendu li din l-Onorabbli Qorti tarroga fuqha kompetenzi u poteri li huma eskulussivament mogħtija lil Qrati oħra. Oltre minn hekk, ir-rikorrenti qed jippretendu wkoll li huma jistgħu iwarrbu r-rimedji ordinarji meta jogħġob lilhom, u jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma l-ilment tagħhom hi minflok;***

***Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponent bil-qima jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli teżerċita s-setgħa Kostituzzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*6. **Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħa Kostituzzjonali tagħha fir-rigward tal-bqija tat-talbiet ukoll (relatati mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali) għaliex ir-rikorrent Frankie Apap ġie mgħoddi minn proċess penali li kellu s-salvagwardji kollha meħtieġa mil-bidu sal-aħħar u l-piena mogħtija ingħatat fil-parametri tal-liġi u kienet prevedibbli;***

***Sewwasew, għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri penali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Frankie Apap[6], dawk il-proċeduri seħħew fi sfond fejn il-partijiet kellhom kull opportunita` li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bis-salvagwardji kollha li proċess penali jġib miegħu. Tant hu hekk li r-rikorrent Frankie Apap appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressaq l-aggravji kollha li dehrlu li kellu jressaq oltre li ingħata l-opportunita` li jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu. Ir-rikorrenti qegħdin jużaw u jabbużaw minn dawn il-proċeduri straordinarji sabiex jerġgħu jiftħu kapitolu magħluq bir-res judicata taħt il-pretest li l-piena mogħtija ma toħroġx mil-liġi, oltre li qed jinqdew b'din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza;***

[6] DOK KTD 1 - Deċiża fit-12 ta' Mejju, 2022;

***Il-prinċipju li res iudicata pro veritate habetur m'għandux ikun mittiefes inutilment, għaliex jinħoloq riskju reali li ċ-ċertezza legali tad-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna tinxteħet f'dubbju serju b'ħolqien tat-tielet istanza. Huwa prinċipju assodat li s-sentenzi tal-Qrati tagħna jiswew u li ngħataw rite et recte. Fil-każ odjern ma seħħew l-ebda żviluppi jew ċirkostanzi wara l-għoti tas-sentenza li jimmeritaw li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali terġa' tinxteħet taħt l-għarbiel;***

***Għalhekk, fid-dawl tas-suespost l-esponenti qegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħa kostituzzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

*7. Fl-aħħarnett, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat li l-qbid tat-tabakk seħħ skont il-liġi, liema qbid huwa separat u distint mill-piena erogata għar-reati kommessi. Tajjeb jingħad li r-rikorrenti ma jidhrux li qed jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn din tikkonferma l-qbid tat-tabakk in kwistjoni. Għalhekk illum hemm sentenza mogħtija rite et recte fejn kkonfermat li t-tabakk kellu jinqabad, b'dan li kwalunkwe ilment dwar il-qbid tat-tabakk ma jistax jimxi 'il quddiem ġjaladarba huwa milqut bir-res judicata.*

*<u>EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU</u>*

1. *l-esponenti qegħdin jirrespinġu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, b'dan li t-talbiet kollha rikorrenti għandhom ikunu miċħuda, u dan għar-raġunijiet li ġejjin u li qed jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin.*

*DWAR IL-LANJANZA LI L-PIENA MOGĦTIJA MILL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI MHUX KONTEMPLATA FIL-LIĠI B'DAN LI TILLEDI L-JEDD FUNDAMENTALI MISJUB TAĦT L-ARTIKOLU 7 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA*

2. *It-talba tar-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti isservi bħala Qorti tat-tielet istanza u terġa tgħarbel il-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonjiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija nhar l-20 ta' Settembru, 2023 taħt il-pretest li l-piena mogħtija ma kinitx ibbażata fuq il-liġi hija insostenibbli u tmur kontra l-prinċipji tar-res iudicata pro veritate habetur, u taċ-ċertezza legali;*

3. *Matul il-każ odjern se jirriżulta b'mod ċar li r-reati u l-pieni erogati mill-Qorti tal-Appell Kriminali jemanu mil-liġi. Fil-każ penali ta' Frankie Apap*[7]*, ma kien hemm l-ebda arbitrarjeta` fil-prosekuzzjoni, fis-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u fil-piena inflitta mill-istess Qorti li remotament jista' jingħad li jmorru kontra t-tuteli tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Irid jingħad ukoll li f'kull sistema legali hemm element inevitabbli ta' interpretazzjoni ġudizzjarja tal-provvedimenti legali;*

4. *Huma skorretti r-rikorrenti meta jgħidu li l-piena mogħtija mhix ibbażata fuq il-liġi. Minn ħarsa sempliċi lejn l-artikolu 62(a)(b)(ċ) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta li għalihom ir-rikorrent Frankie Apap ġie misjub ħati, hija evidenti li l-liġi ma ssemmix biss ċirkostanzi ta' evażjoni ta' dazju, iżda titħaddet dwar reati ta' ksur tal-limitazzjonijiet f'importazzjoni u dwar irtirar/twarrib/kunsinna ta' oġġetti qabel dawn ma jkunu eżaminati u sorveljati mid-Dwana;*

5. *Sfieq ma' dan, paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla il-pieni relattivi għan-nuqqasijiet kontemplati fl-imsemmi artikolu fejn jgħid li l-piena f'kull każ m'għandiex tkun "inqas minn erbat elef euro (€4,000)"*[8]*. Evidenti li parti mill-ilment tar-rikorrenti hija dwar l-interpretazzjoni tal-liġi li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn tidħol il-piena erogata għaliex skonthom din tista' tingħata biss jekk hemm evażjoni ta' dazju li seħħet. Madanakollu, apparti li din l-Onorabbli Qorti m'għandiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza fejn terġa tgħarbel kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali, għandu joħroġ evidenti fi kwalunkwe każ li l-imsemmija artikoli jikkontemplaw reati oħra oltre dawk ta' evażjoni fiskali, b'dan li l-piena kontemplata fil-liġi taħt l-imsemmija artikoli hija applikabbli għalihom u kienet prevedibbli. Jekk xejn, bħala stat ta' fatt meta seħħet l-ispezzjoni mill-uffiċjali tad-Dwana it-tabakk mhux dikjarat li nqabad kien diġa` tqatta' irregolarment u ad insaputa tad-Dwana, u għalhekk il-prodott kien dazjabbli, b'dan li effettivament kien hemm "dazju li għandu jitħallas". Għalhekk il-piena setgħet saħansitra tkun ferm u ferm akbar, kif fil-fatt kienet ikkunsidrat il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Apap ħa l-inqas*

---

[7] ***Il-Pulizija vs Frankie Apap***;

[8] Issir referenza wkoll għall-**artikolu 80 tal-Kap. 406** fejn għan-nuqqasijiet relatati mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud jimponi multa ta' mhux anqas EUR350, liema ammont ġie miżjud mal-multa mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*piena li seta' jieħu. Isegwi li m'hemm xejn ċensurabbli fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-qafas tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, b'dan li għandha twassal għaċ-ċaħda tat-talbiet rikorrenti fir-rigward;*

6. *Tabilħaqq, jgħidu ħażin ir-rikorrenti meta huma jagħtu x'jifhmu li huma ma kellhomx "proċess ġust u ekwu għaliex ma jistax ikollok piena mingħajr mal-liġi tipprovdi għaliha". Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma abbinat l-ebda piena ta' reat ieħor, għaliex il-piena applikata toħroġ proprju mill-istess artikolu li jikkostitwixxi r-reati li Frankie Apap instab ħati għalihom. Fil-fatt, il-paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta juża l-kliem "il-ħati jeħel, għal kull wieħed minn dawn ir-reati" mingħajr ebda distinzjoni għal xi għemil partikolari. Fejn ma tiddistingwix il-liġi għalhekk, m'għandhomx jiddistingwu l-Qrati bħal ma kif donnhom jippretendu r-rikorrenti u għalhekk il-piena erogata kienet waħda prevedibbli li toħroġ mil-liġi;*

7. *Jgħidu ħażin ukoll ir-rikorrenti meta jippruvaw jiżvijjaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-artikolu applikabbli għan-nuqqas tar-rikorrenti kellu jkun l-artikolu 63(1)(f) tal-Kap. 37, li jiġbed lejh piena amministrattiva fl-ammont ta' EUR100 u l-ebda proċeduri penali. Dan l-artikolu japplika biss meta ma hemm l-ebda dazju jew taxxa oħra dovuti jew perikolati fuq oġġetti, u lanqas m'hemm restrizzjoni, projbizzjoni, limitazzjoni jew kundizzjoni fuq l-istess oġġetti. Issa oltre l-fatt li l-istat li nstab fih it-tabakk mill-uffiċjali tad-Dwana meta għamlu l-ispezzjoni kien fi stat li jattira d-dazju (għaliex kien imqatta'), it-tabakk kemm fl-istadju oriġinali tiegħu (materja prima) u kemm mqatta' jġorr miegħu restrizzjonijiet, projbizzjonijiet, limitazzjonijiet u kundizzjonijiet. Għalhekk huma skorretti r-rikorrenti meta jgħidu li fl-agħar ipotesi kellu japplika dan l-artikolu minflok proċeduri penali. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument seta' jitqajjem fl-istadju tal-poċeduri kriminali, u jekk ir-rikorrent Frankie Apap naqas milli jagħmel dan, m'għandhiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tikkunsidra din il-kwistjoni hi għall-ewwel darba.*

*DWAR IL-LANJANZI TAĦT L-ARTIKOLU 39 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U TAL-ARTIKOLI 6 U 7 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA IN KWANTU S-SOSPENSJONI TAL-LIĊENZJA*

8. *Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijet preliminari fejn l-esponent diġa` ġibed l-attenzjoni li għad hemm proċeduri ta' kontestazzjoni tas-*

*sospensjoni tal-liċenzja quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana)*[9]*, jgħidu ħażin ir-rikorrenti li s-sospensjoni tal-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat għandha l-effetti ta' piena kriminali;*

9. *L-esponenti huma tal-umli fehma li l-ilment taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni safejn dan huwa indirizzat lejn is-sospensjoni tal-liċenzja lanqas biss jista' jibda ġjaladarba l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa applikabbli biss meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat kriminali – Is-sospensjoni tal-liċenzja ma ingħatatx bħala piena wara s-sejbien ta' ħtija ta' reat;*

10. *Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss l-ilment taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jista' jissokta, is-sospensjoni tal-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat hija eskluża mill-kunċett ta' piena kif mifhum taħt l-imsemmi artikolu;*

11. *Bis-sospensjoni tal-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat, ir-rikorrenti ma ġew misjuba ħatja tal-ebda reat kriminali kif mifhum taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni*[10]*, tant li l-kumpannija rikorrenti nidiet proċeduri ta' kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana), liema proċeduri għadhom pendenti;*

12. *Sewwasew, li wieħed jingħata liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat ai termini tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex xi dritt sagrosant, iżda jeħtieġ li wieħed ikun eliġibbli, u jottempra ruħu ma' diversi obbligi u rekwiżiti. Wara l-għoti tal-liċenzja mingħand l-esponent Kummissarju, il-konformita` mal-obbligi, rekwiżiti, u ħtiġijiet pattiwiti mad-Dwana u li joħorġu mil-liġi għandhom jinżammu u jitħarsu tul l-operat kollu tal-istess maħżen awtorizzat f'kull ħin u kull mument. Għalhekk, li wieħed ikollu liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat hija kkundizzjonata mill-adempiment tal-obbligi tad-detentur tal-liċenzja;*

13. *Sfieq ma' dan is-sospensjoni tal-liċenzja seħħet mhux bħala kastig, iżda għaliex l-esponent Kummissarju għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li d-detenturi ta' liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat huma persuni*

---

[9] Ref: 12/2021 GV;
[10] Li għalih japplika l-istess test applikat għal "akkuża kriminali" taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**;

*idoneji sabiex joperaw f'dan il-qasam u li qed jottempraw ruħhom mal-obbligi varji imposti. Fil-fatt, il-Kummissarju għandu l-poter ai termini tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti, li jirrifjuta li jagħti, li jirtira, jew li jissospendi liċenzja jekk jirrealizzaw ruħhom iċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi;*

14. *Kif joħroġ mit-termini u kundizzjonijiet tal-istess liċenzja* [11] *, l-inadempjiment tal-obbligi varji li jemanu mill-istess liċenzja u/jew mil-liġi jistgħu jwasslu għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-istess liċenzja da parti tal-awtorita` li tkun ħarġitha (f'dan il-każ l-esponent Kummissarju li huwa l-awtorita` adita bil-liġi sabiex jamministra l-imsemmija liċenzji), bid-dritt tar-rikorrenti li jikkontestaw dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva – kif fil-fatt għamlu;*

15. *Fiċ-ċirkostanzi odjerni, u minn applikazzjoni tal-kriterji Engel*[12]*, is-sospensjoni tal-liċenzja ta' kustodju ta' maħżen awtorizzat ma jistax jingħad li tista' tkun ikkunsidrata bħala "akkuża kriminali" li twassal għall-kunsiderazzjoni tal-lanjanza kif imressqa mir-rikorrenti ai termini l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni*[13]*;*

16. *L-analoġija mas-sentenza fl-ismijiet XNT Limited (C52182) vs Il-Korp għall-Analiżi ta' informazzjoni et, hija għal kollox barra minn lokha għaliex hemm kellna ċirkostanza fejn Awtorita` li xogħolha huwa li tissorvelja (u mhux li jagħti xi liċenzja partikolari) tagħat multa massiċċa u li kienet kunsidrata bħala finali, liema multa ġiet dikjarata bħala inkompatibbli mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba l-portata tagħha u għaliex mhux mogħtija minn Qorti;*[14]

17. *Apparti minn hekk, id-diskors tar-rikorrenti dwar li l-esponent Kummissarju m'huwiex persuna indipendenti u mparzjali u ma jgawdix minn security of tenure m'għandhomx siwi għaċ-ċirkostanzi odjerni.*

---

[11] DOK KTD 2;
[12] ***Engel & Others v. the Netherlands***, 8 ta' Ġunju, 1976;
[13] Din l-eċċezzjoni tapplika wkoll għall-qbid tat-tabakk;
[14] Ibid;

*Wara kollox, ir-rikorrenti ingħataw l-opportunita` li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-esponent Kummissarju skont il-liġi*[15].

*DWAR IL-LANJANZI TAĦT L-ARTIKOLU 39 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U TAL-ARTIKOLI 6 U 7 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA IN KWANTU QBID TAT-TABAKK*[16]

18. *Dwar it-tabakk maqbud, illum hemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali*[17] *li tikkonferma li l-qbid tat-tabakk huwa validu, b'dan li l-ilment dwar il-validita` o meno tad-deċiżjoni amministrattiva għall-ħruġ tan-nota ta' qbid m'għandux jiġi mistħarreġ minn din l-Onorabbli Qorti. Ir-rikorrenti fir-rikors tagħhom m'humiex jillanjaw minn dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;*

19. *Fi kwalunkwe każ, fil-mument għad hemm ukoll proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana), fejn qed tiġi kontestata proprju d-deċiżjoni tal-esponent Kummissarju li jaqbad it-tabakk in kwistjoni minħabba li nstab fi stat irregolari, oltre li qed jintalab il-likwidazzjoni tad-danni b'konsegwenza għall-imsemmi qbid;*

20. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilmenti tar-rikorrenti (anke jekk nebolużi għall-aħħar fir-rigward tal-qbid tat-tabakk) ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress li l-ilmenti tagħhom ma jmissux ma' akkuża u/jew proċeduri kriminali. Il-qbid doganali ma jwassalx għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali;*

21. *B'mod partikolari safejn ir-rikorrenti jilmentaw min nuqqas ta' smiegħ xieraq għaliex skonthom il-konfiska hija piena mingħajr ma kien hemm l-ebda proċedura penali, jingħad illi l-konfsika doganali hija separata minn kwalunkwe akkuża kriminali. Din il-linja ta' ħsieb hija mtennija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, fejn ingħad illi "l-ordni ta' konfiska mogħtija fi proċeduri ta' akkuża kontra terza persuna, mhux klassifikabbli bħala ordni mogħtija fid-deċiżjoni ta' "xi akkuża kriminali". Kwindi l-artikolu 6 u l-artikolu 39 u l-garanziji li*

[15] Ibid;
[16] Filwaqt li fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw maġġorment dwar is-sospensjoni tal-liċenzja, fl-aħħar tar-rikors tagħhom huma jgħid "*illi l-istess argument jgħodd ukoll għall-avviż ta' qbid*", oltre li fit-talba 3(ii) huma jitolbu kumpens minħabba l-qbid tal-istess tabakk;
[17] DOK KTD 1;

*hemm enunċjati, fosthom id-dritt għas-smiegħ, aċċess għall-Qorti, il-garanzija tal-equality of arms u l-presunzjoni tal-innoċenza ma japplikawx għall-kwistjoni sollevata. Difatti l-konfiska tal-garanzija b'ebda mod ma tfisser xi pronunzjament ta' ħtija."*[18]

22. *Lanqas l-ilment taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni safejn dan huwa indirizzat lejn in-nota ta' qbid ma jista' jibda ġjaladarba l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa applikabbli biss meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat kriminali. Il-qbid tat-tabakk seħħ indipendentement mill-akkużi kriminali u mis-sejbien ta' ħtija u ma jistax ikun ekwiparat ma' pronunzjament ta' ħtija;*

23. *Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss l-ilment taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jista' jissokta, il-ħruġ tan-nota ta' qbid hija eskluża mill-kunċett ta' piena kif mifhum taħt l-imsemmi artikolu;*

24. *Il-konfiska tal-oġġetti mhix riżultat ta' sejbien ta' ħtija, iżda hija b'effett ex lege meta oġġett jinstab li qed jikser l-Ordinanza tad-Dwana. Fil-każ tagħna, it-tabakk inqabad b'riħet l-artikolu 60 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jitħaddet dwar konfiska. Huwa l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jitħaddet dwar "reati u pieni". Li kieku l-leġislatur ried li l-konfiska tkun meqjusa bħala piena f'sens kriminali għal reat kommess, din kienet tkun inkluża taħt l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex hemm distinzjoni netta bejn reati u pieni li huma intiżi u indirizzati fil-konfornt ta' min ikun wettaq ir-reat, u l-konfiska tal-oġġetti liema konfiska sseħħ in rem, bis-saħħa tal-liġi, u indipendentement minn min hu s-sid*[19]*. Tant hu hekk, li mhux l-ewwel darba li kellna ċirkostanzi fejn filwaqt li akkużat jiġi liberat mill-akkużi kriminali, il-qbid tal-oġġett jiġi kkonfermat bħala validu skont il-liġi;*

25. *Tant kemm ukoll il-qbid ta' oġġetti u l-proċedimenti kriminali huma separati u distinti, li skont l-artikolu 72 tal-Kap. 37 (proċeduri ċivili għall-kontestazzjoni tal-qbid) jekk persuna ma tniedix proċeduri li permezz tagħhom hija tikkontesta l-qbid fit-terminu preskritt bil-liġi, il-jedd fuq l-oġġetti maqbuda jitqies mitluq. Għalhekk, wieħed ikun skorrett meta jekwipara l-proċeduri penali fil-konfront ta' persuna*

---

[18] Ara s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, fl-ismijiet **Mario Falzon vs Direttur Ġenerali (Dwana)**, sentenza tal-31 ta' Mejju, 2018, p.38;

[19] Dwar dan arar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet ***Mario Falzon vs Kummissarju tad-Dwana***, deċiża 31 ta' Mejju, 2018;

*għall-kommissjoni ta' reat, mal-qbid ta' oġġetti li jkunu misjuba fi stat li jmur kontra l-Ordinanza;*

26. *Mhux hekk biss, iżda tant kemm il-leġislatur ried li r-rilaxx ta' oġġetti maqbuda ma jkunx dipendenti mill-eżitu tal-proċeduri penali, li minn ħarsa lejn l-artikolu 67 tal-Kap. 37, jingħad li f'każ ta' sejbien ta' ħtija biss, l-oġġetti maqbuda u esebiti għandhom isiru proprjeta` tal-Gvern ta' Malta. Madanakollu, dan l-istess artikolu ma jgħid xejn dwar x'għandu jsir mill-oġġetti f'każ ta' liberatorja, u dan għaliex ir-rilaxx ta' oġġetti maqbuda mhux dipendenti mill-proċeduri penali, iżda huwa dipendenti b'mod separat minn proċeduri li jkun nieda l-persuna li tippretendi lura u għandha interess f'dawk l-oġġetti maqbuda. Mhux l-ewwel darba li filwaqt li oġġett jisfa maqbud minħabba li jkun misjub fi stat illegali, ma jkun hemm l-ebda proċeduri penali fil-konfornt ta' persuna. B'daqshekk ma jfissirx li l-qbid m'għandux jiswa. Ma jridx jintesa li l-liġi doganali hija liġi fiskali ta' fejda u utilita` pubblika, u għalhekk l-interpretazzjoni tagħha għandha tkun mingħajr tiġbid żejjed u toqgħod għall-kelma tal-liġi;*

27. *Fuq dan il-binarju, u fi kwalunkwe każ allura, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li qbid doganali huwa ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni;*

28. *Mingħajr preġudizzju għa-ssuespost, hawnhekk irid jingħad illi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law", u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

29. *A propożitu tal-konfiska doganali, u hawnhekk l-esponenti jisiltu analoġija mal-multi amministrattivi mnissla mil-liġi tad-dwana u mil-liġijiet fiskali, dawn kollha kemm huma tqiesu li ma jappartjenux lill-kategorija tradizzjoni li jaqgħu taħt il-liġi kriminali u allura f'dawn il-każijiet "the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency" (ara fost oħrajn Société Stenuit vs. Franza tas-27 ta' Frar 1992 u Bendenoun vs. Franza tal-24 ta' Frar 1992);*

30. *Fi kwalunkwe każ, ta' min isemmi xorta waħda li r-rikorrenti kellhom aċċess adekwat u effettiv quddiem Qorti indipendenti u imparzjali sabiex jikkontestaw il-qbid quddiem Qorti Ċivili, kif fil-fatt għamlu. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ta' Mario Falzon vs Direttur Ġenerali*

*(Dwana)*[20]*, "il-fatt li r-rikorrent innifsu nieda proċedura taħt l-artikolu 73 tal-istess Ordinanza jixhed li l-liġi nnifisha tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwassli biex, fi proċedura ta' natura ċivili, l-qbid ta' xi oġġett magħmul mid-Direttur intimat jista' jitwaqqa billi l-Qorti tordna r-rilaxx ta' dak l-oġġett favur sidu, wara proċediment li fih sid il-ħaġa nnifsu jista' jagħtiha raġunijiet tajbin biex tagħżel li tagħmel dan."*

31. *Għalhekk, la hija l-liġi stess li tqis proċeduri ta' ripreża ta' oġġett maqbud bħala wieħed ta' għamla amministrattiva/ċivili, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għall-proċeduri ta' rivendika. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina – a verbis legis non est recendendum;*

32. *Għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba numru 3(ii) għal-likwidazzjoni ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju, l-ebda kumpens ma huwa dovut ġjaladarba ma seħħet l-ebda leżjoni, oltre li l-esponent Kummissarju dejjem mexa fil-parametri tal-liġi fil-qadi ta' dmirijietu b'raġjonevolezza u b'bona fide. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe allegazzjoni li tista' twassal għal likwidazzjoni ta' kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju trid tiġi pruvata skont il-liġi;*

33. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma nhar l-14 ta' Diċembru 2023[21] meta ġie ordnat li l-ewwel jiġu trattati u deċiżi il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## **IL-FATTI**

Illi mir-rikors promotur u mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

[20] Tat-23 t'Ottubru, 2014.
[21] Fol 70.

- Fis-16 ta' Lulju 2020 is-soċjeta attriċi ngħatat liċenzja biex topera bħala authorised warehouse keeper skond l-artikolu 9(3)(c) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Fit-2 ta' Diċembru 2020, wara li kien wasal tabakk f'maħżen tas-soċjeta attriċi, saret spezzjoni mill-uffiċjali tad-dwana u jidher li nstabu xi irregolaritajiet.
- Fil-21 ta' Diċembru 2020 inħarġet Nota ta' Qbid (*seizure note*) fir-rir-rigward ta' 3,140kg tabakk imqatta' li kien fil-maħżen tas-soċjeta attriċi; u fis-7 ta' Jannar 2021 il-liċenzja tas-soċjeta attriċi ġiet sospiża.
- Is-soċjeta attriċi appellat mid-deċizjoni tad-Diettur Ġenerali tad-Dwana dwar is-sospensjoni tal-liċenzja permezz ta' proċeduri f'l-ismijiet *Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dwara et* (12/2021GV); dawn il-proċeduri għadhom pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva[22].
- Is-soċjeta attriċi qed tikkontesta ukoll in-nota ta' qbid fuq it-tabakk permezz tal-proċeduri f'l-ismijiet: *Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dwana et* (65/2021HM); dawn il-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[23].
- Fis-16 ta' April 2021 ittieħdu proċeduri penali fil-konfront tal-attur Frankie Apap. Permezz ta' sentenza mgħtoija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Apap instab ħati ta'l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u ġie ikkundannat xahar priġunerija sospiżi għal sentejn u ġie ikkundannat ukoll multa ta' €1,149,240; il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tat-tabakk.
- L-attur Apap appella minn din is-sentenza u bis-sentenza tagħha mgħotija f'l-20 ta' Settembru 2023 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali varjat l-ewwel sentenza billi illiberat lil Apap minn uħud mill-imputazzjonijiet u varjat il-piena għal xahar priġunerija sospiza għal sena u multa ta' €4,350; il-konfiska tat-tabakk ġiet konfermata.
- Fil-5 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrenti bdew il-proċeduri odjerni.

Illi fil-proċeduri pendenti quddiem il-Prim' Awla s-soċjeta attriċi qegħda titlob lil dik il-Qorti *ai termini tal-artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza Dwar id-Dwana* s-segwenti:

1. *Tiddikjara li n-nota ta' Qbid numru: 241/2020, hija nulla u llegali għal kull effetti tal-ligi stante li m'hijiex f'isem il-propjetarja soċjeta' Apap Tobacco Ltd;*
2. *Fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti joġgħobha tilqa' l-ewwel talba, tiddikkjara illi il-qabda ta' tlett elef umija u erbgħin kilogramma (3,140kg) tabakk maqbuda mill-pussess talesponent nhar 1-4 ta' Dicembru 2020 minn ufficjali tad-Dwana gewwa Bulebel, Iz-Zejtun kienet mingħajr bażi legali;*

[22] F'din is-sentenza imsejjaħ "it-Tribunal".
[23] F'din is-sentenza imsejħa "il-Prim'Awla".

3. *Tordna sabiex il-Kummissarju tat-taxxa u/jew Direttur Ġenerali tad-Dwana jirrilaxxja l-oġġetti maqbuda u sabiex tali tabakk jiġi rritornat lis-soċjeta' esponenti;*
4. *Tordna illi f'każ li tali tabakk m'għadux f'kundizzjoni li jista jiġi proċessat minħabba li tali materjal iddeterjora, il-Kummissarju tat-taxxa u/jew id-Direttur Ġenerali tad-Dwana iħallsu is-somma ta' ħmistax -il elf u disa' mitt ewro (€15,900) lill-esponent;*
5. *Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni għar-raġuni li din il-qabda waqqfitilom in-negozju tagħhom għal diversi xhur;*
6. *Tillikwida id-danni sofferti mill-esponent.*

Illi fil-proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal is-soċjeta attriċi qegħda titlob, ai termini ta' l-artikolu 32 tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, li t-Tribunal *jiddikjara li d-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenza hija waħda mingħajr bażi legali u għaldaqstant iħassar tali deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana.*

## IT-TALBIET u L-EĊĊEZZJONIJIET

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri l-atturi qed jallegaw:

- li l-piena erogata fil-proċeduri penali mhiex ibbażata fuq il-liġi u dan għaliex il-Qorti Kriminali applikat piena applikabbli għal reati differenti minn dawk li tagħhom instab ħati Apap; u jghidu li l-impożizzjoni ta' din il-piena tilledi d-dritt fundamenti tal-attur Apap (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni).
- li s-sospensjoni tal-liċenzja tippenalizza lill-atturi daqs li kieku piena kriminali u għalhekk d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana fir-rigward ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel artikolu ta'l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni);
- li anke d-deċizjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana meta ħarġet in-nota ta' qbid ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel artikolu ta'l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni).

Illi l-atturi għalhekk qed jitoblu dikjarazzjonijiet f'dan is-sens u qed jitolbu ukoll ir-revoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ta' l-20 ta' Settembru 2023 fejn l-attur Frankie Apap instab ħati u fejn ġie kkundannat piena ta' ġunerija ta' xahar sospizi għall-sena u għal ħlas ta' multa ta' €4,350 kif ukoll kumpens kemm pekunjarju kif ukoll non-pekunjarju pagabbli lis-soċjeta' rikorrenti Apap Tobacco Ltd biex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qliegħ li sofriet dik is-soċjeta' minħabba s-sospensjoni tal-liċenzja u n-nota ta' qbid.

Illi permezz tal-eċċezzjonijet li ser jiġu deċiżi b'din is-sentenza l-konvenuti qed jikkontendu:

- ► għal dak li jirrigwarda l-lanjanzi relatati mas-sospensjoni tal-liċenzja u n-nota ta' qbid li l-proċeduri odjerni huma intempestivi stante li għadhom ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħa Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta (il-ħames eċċezzjoni); u
- ► għal dak li jirrigwarda t-talbiet l-oħra li huma relatati mas-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali din il-Qorti ukoll għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħa Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex permezz tal-proċeduri odjerni (in kwantu jikkonċernaw dawn it-talbiet) l-attur qegħdin jinqdew b'din il-Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza (is-sitt eċċezzjoni).

## KUNSIDERAZZJONIJIET

### Il-Ħames Eċċezzjoni

Illi l-Qorti ser tibda biex tikkunsidra l-ħames eċċezzjoni u għalhekk jekk għandhiex tiddeklina milli teżeċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha minħabba li għadhom ma ġewx eżawrieti r-rimedji ordinarji in kwantu l-proċeduri odjerni jirreferu għas-sospensjoni tal-liċenzja u n-nota ta' qbid.

Illi kif jidher mill-parti preliminari ta' din is-sentenza l-atturi qed jikkontendu li s-sospensjoni tal-liċenzja maħruġa lis-socjeta attriċi u l-ħruġ tan-nota ta' qbid jiksru d-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-attur Apap u dak għal smigħ xieraq kif sanċit f'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni u dak għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif sanċit fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-attriċi Apap Tobacco Limited; huma talbu ukoll kumpens kemm pekunjarju kif ukoll non-pekunjarju.

Illi l-konvenuti da parti tagħhom jikkontendu li għal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-liċenżja u l-ħruġ tan-nota ta' qbid is-soċjeta attriċi kellha rimedju ordinarju billi setgħu jikkontestaw l-istess quddiem it-Tribunal u l-Prim' Awla rispettivament. Is-soċjeta attriċi fil-fatt irrikorriet għal dawk ir-rimedji pero għal raġunjiet tagħha għażlet li ma tistenniex l-eżitu tagħhom imma minflok għazlet li tipproċedi quddiem din il-Qorti u tfittex rimedju straordinarju qabel ma jkun determinat l-eżitu tar-rimedju ordinarju b'sentenza definittiva fil-proċeduri l-oħra.

Illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 li huma relevanti ai fini tal-eċċezzjonijiet in eżami jipprovdu hekk:

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni

> *Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> ***Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.***

L-artikolu 4(2) tal-Kap 319

> *Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> ***Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.***[24]

Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huwa ċar li din il-Qorti ghandha l-obbligu li teżamina jekk kienx hemm rimedji ordinarji adegwati għall-ksur allegat, u jekk fil-fehma tagħha dawn ir-rimedji kienu jeżistu allura għandha l-obbligu li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa kostituzzjonali tagħha.

Illi f'sentenza riċenti mgħotija fil-kawża ***Ramon Fenech vs L-Avukat ta'Istat***[25] din il-Qorti kif diversament presjeduta għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza l-

[24] Is-sottolinear fiż-żewġ istanzi huwa tal-Qorti.
[25] Deċiża fit-28 ta' Ottubru 2022 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023.

aktar relevanti dwar l-proviso tal-artikoli fuq imsemmija u siltet diversi prinċipji relevanti in tema; ser issir referenza ampja għal dak li ntqal:

> *23. Insibu fil-provisos għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*
>
> … … …
>
> *25. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*
>
> > *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*
>
> *26. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu*

*jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et);*

*27. Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza, Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 li,*

> *«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

*28. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);*

*29. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*

> *30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji u b'applikazzjoni tagħhom għall-każ in eżami, dak li jrid jigi determinat huwa jekk, skond ma jikkontendu l-konvenuti, l-atturi kellhomx disponibbli, fil-liġi ordinarja, rimedju xieraq, effettiv u adegwat li jista' jirrettifika l-leżjoni allegata.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti proċesswali u kif riassunt aktar 'l fuq jidher li fis-16 ta' Lulju 2020 s-soċjeta attrċi ngħatat liċenzja biex topera bħala kustodju ta' maħżen. Fit-2 ta' Diċembru 2020 saret spezzjoni ġewwa l-maħżen u nstabu xi rregolaritajiet. Jidher li kien hemm xi diskussjonijiet u/jew laqgħa bejn il-partijiet[26] li apparentement ma wasslux għal soluzzjoni tant li mbagħad fis-7 ta' Jannar 2021 intbgħatet ittra lis-soċjeta attriċi permezz ta' liema li l-liċenzja fuq imsemmija kienet qed tiġi sospiża skond l-artikoli 11 u 29A tal-Kap 382. Fl-istess ittra s-soċjeta attriċi ġiet infurmata li għandha dritt tappella dik id-deċizjoni skond l-istess artikolu 29A tal-Kap 382. Apap Tobacco Limited fil-fatt appellat minn dik id-deċiżjoni tal-Kummissarju billi intavolta rikors quddiem it-Tribunal u talbet it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Kummissarju; dan ir-rikors għadu pendenti.

Illi wara l-ispezzjoni li saret fit-2 ta' Diċembru 2020 il-Kummissarju ha miżura oħra meta fil-21 ta' Diċembru 2020 ħareg in-nota ta' qbid. Is-soċjeta attriċi kkontestat din in-nota permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Prim' Awla[27]; dan ukoll għadu pendenti.

---

[26] Mill-ittra esebita a fol 14 (Bok B) jidher li saret laqgħa fid-29 ta' Diċembru 2020.

[27] Ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap 37 skond kif kien jaqra fiż-żmien in eżami nota ta' qbid kellha tiġi kontestat quddiem il-Prim Awla; wara emendi promulgati permezz tal-Att XII tas-sena 2023 il-kontestatzzjoni għandha ssir quddiem it-Tribunal.

Illi l-atturi qed jallegaw li bħala riżultat ta' dawn id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissarju (is-sospensjoni tal-liċenzja u l-qbid tat-tabakk) ġew imċaħħda mid-dritt li joperaw, b'telf finanzjarju u li dan it-telf finanzjarju għandu effett ta' piena kriminali. Għalhekk id-deċiżjonijiet, la darba ttieħdu mill-Kummissarju wara investigazzjoni kondotta minn Dipartiment (tad-Dwana) imexxi minnu, ittieħdu bi ksiru tad-dritt għas-smigħ xieraq.

Illi f'dan ir-rigward jingħad pero li l-atturi mhux qed jikkontestaw xi dispożizzjoni tal-liġijiet relevanti (il-Kap 37 u l-Kap 382) imma d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissarju fil-konfront tagħhom. Dawn id-deċiżjonijiet, li huma purament amministrattivi u ma imponew l-ebda penali, huma soġġetti għas-sindakar tal-qorti u tat-tribunal kompetenti, it-tnejn indipendenti u imparzjali, li għandhom il-poter li jirrevokahom b'mod li l-lezjoni allegat tkun ġiet rettifikata.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-konvenuti għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom li għalhekk qed tintlaqa'.

Ikkunsidrat

**Il-Sitt Eċċezzjoni**

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra s-sitt eċċezzjoni u ċioe jekk għandhiex tiddeklina milli teżeċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u dan minħabba li l-proċeduri odjerni, in kwantu jirreferu għat-tħassir ta' parti mis-sentenza tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali, huma biss tentattiv ta'l-attur Ronald Apap biex effettivament jinqeda b'din il-Qorti bħala qorti tat-tielet istanza.

Illi kif ntqal permezz ta' l-eċċezzjoni issa in eżami l-konvenuti jikkontendu li Apap għadda mill-proċess penali sħiħ, l-ewwel quddiem il-Qorti tal-Magistrati u mbagħad quddiem il-Qorti tal-Appell b'mod li issa is-sentenza mgħotija fil-konfront tiegħu hija res ġudikata u ħadd m'għandu l-awtorita jerġa jissindika s-sustanza tad-deċiżjoni. Għalhekk, mill-mod kif inhi impostata l-eċċezzjoni u minn dak li jgħidu l-istess konvenuti huwa ċar li, għal dak li jirrigwarda l-ilment ta' Apap dwar il-piena erogata fil-proċess penali, huwa eżarwrixxa ir-rimedji ordinarji kollha lilu disponibbli[28].

Illi kif intqal skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 huwa mħolli fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tagħżel li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha Kostituzzjonali jew konvenzjonali **meta jkun hemm rimedji ordinarji** adegwati għall-ksur allegat, li setgħet tirrikorri għalihom il-persuna

[28] Jekk dawn il-proċeduri kostituzzjonali, għal dak li jikkoncerna l-lanjanzi relatati ma dawn il-proċeduri penali, għandhomx jitqiesu bħal appell iehor minn sentenza li hija res gudicata hija kunsiderazzjoni li tidħol fil-mertu u m'għandhiex tiġi kkunsidrata f'dan l-istadju.

konċernata. U huwa f'dawn iċ-ċirkostanzi, u ċioe meta jkun hemm rimedju ordinarji adewgati li għadhom jew kienu disponibbli, li din il-Qorti tista' tagħżel li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha.

Illi ladarba huma l-istess konvenuti li jgħidu li l-attur eżawrixxa l-proċeduri ordinarji kollha disponibbli għalih biex jinħeles mill-ħtija u/jew jottjeni riduzzjoni fil-piena, huwa ċar li m'hemm l-ebda impediment, fit-termini tal-provisos in eżami, li l-attur jirrikorri għal rimedju kostituzzjonali. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-imsemmija dispożizzjonijiet (il-provisos imsemmija) mhux applikabbli u l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċidi billi

- **tilqa' l-ħames (5) eċċezzjoni tal-konvenuti** u konsegwentement u ai termini tal-proviso ta'l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet fuq premessi tagħżel li tirrifjuta li teżercita s-setgħa tagħha Kostituzzjonali u Konvenzjonali biex tqis fil-mertu l-ilmenti tal-atturi dedotti fit-tieni talba u fit-tieni parti tat-tielet talba u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.
- **tiċħad is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti** u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-proċeduri fil-mertu tat-talbiet l-oħra; u
- **tordna li l-ispejjeż** relatati mat-tieni talba u fit-tieni parti tat-tielet talba jkunu a karigu tal-atturi; spejjeż oħra jibqgħu riżervati għal ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**